# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Dr. Giovanni M. Grixti LL.D.

Seduta tat-18 ta' Frar 2016

Appell Nru: 436/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

*Omissis*

**Donna Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmija *omissis* u Donna Camilleri detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 457586M talli nhar il-hmistax (15) ta` Dicembru, 2013, ghal habta tas-saghtejn ta` filghodu (02:00hrs) gewwa l-Marsa u

fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer: 1) Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci, persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti; 2) Ingurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta` WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz; 3) Ikkagunaw feriti ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci skont ma ccertifika Dr. David Fenech, Reg. No. 2555 tac-Centru tas-Sahha, Floriana; 4) Ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil WPC 89 Maria-Carmela Spiteri u PC 1289 Andrei Cassar Bonaci jaghmlu dak li b'ligi ordnat jew jistghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta` dan il-Kodici jew ta` ligi ohra; 5) Hebbew kontra l-istess ufficjali tal-Pulizija fuq imsemmija sabiex jingurjawhom, idejjquhom jew jaghmlu hsara lill-istess ufficjali tal-Pulizija; 6) B'hekk saru recedivi, b'sentenzi mill-Qorti ta` Malta, liema sentenzi saru definittiva u ma jistghux jigu mibdula; 6)Lil *Omissis* wahdu akkuzat talli nhar il-hmistax (15) ta` Dicembru 2013, gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer: 7) Naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet ta` nhar id-disgha (9) ta` Settembru 2013 fosthom li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux aktar tard mill-hdax ta` bil-lejl (23:00hrs) u ma johrogx minn hemm qabel is-sitta u nofs ta` filghodu (06:30hrs) tal-ghada, li bih inghata l-helsien mill-arrest, u b'digrieti ohra

li bihom gew varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kif emendat sussigwentement; Lil Donna Camilleri wahedha, akkuzata talli nhar l-hmistax (15) ta` Dicembru 2013, ghal habta tas-saghtejn (02:00hrs) gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer: 8). F'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal-skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali; 9) Naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet ta` nhar l-erbatax (14) ta` Ottubru 2013 fosthom li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod mhux aktar tard mis-sitta ta` filghaxija (18:00hrs) u ma tohrogx minn hemm qabel it-tmienja ta` filghodu (08:00am) tal-ghada li bih inghatat il-helsien mill-arrest, u b'digriet li bihom gew varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kif emendat sussigwentement; 10) Naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'digriet ta` nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta` Ottubru 2012 li bih inghatat il-helsien mill-arrest, u b'digriet li bih gew varjati l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u kif emendat sussigwentement; 11) Ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N. Camilleri, LL.D., datata il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Awwissu 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. Il-Qorti kienet mitluba sabiex tirrevoka *contrario imperio* l-helsien mill-arrest tal-imputati u kif ukoll tarresta lill-imputati mill-gdid u sabiex f'kaz ta` sejbien ta` htija, tipprovdi ghas-sigurta` tal-ufficjali fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 96 (a), 95 (1), 214, 221 (1), 222 (1) (c), 338 (ee), 339 (1) (d), 49, 50, 17, 31, 533, 383, 384, 385, 386, 412C, 579 (1) (2) (3) u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputati u kkundannat lill-appellanta ghal-perjodu ta'

sena (1) prigunerija u lill-imputat *Omissis* ghall-perjodu ta' disa` (9) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Donna Camilleri, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talbet lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: 1) Tikkonfermaha dwar reati li rrizultaw, u tibdilha fejn jitqies li hemm l-assorbiment ta' reati ohra, u tibdilha wkoll fejn hemm ripetizzjoni tal-istess fatti dedotti f' aktar minn akkuza wahda u 2) tirrevokaha fejn diga' kienet giet sentenzjata fuq l-istess fatt u dan b'referenza ghall-akkuza numru 11 u konsegwentement tibdilha dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta;

Ikkunsidrat:

Illi kif jemergi mill-atti, l-appellanta, debitament assistita kienet irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni wara li inghatat zmien sabiex tahseb dwar dik id-dikjarazzjoni. Dan kif jemergi mill-qari tal-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu, 2014. Wara din is-seduta, l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-8 t'April 2014 u dakinhar reghet thalliet ghas-sentenza ghat-22 ta' Mejju 2014. Fl-atti ma hemmx il-verbal ta' din l-ahhar seduta u fit-3 ta' Lulju 2014 l-kawza jidher li regghet thalliet ghas-sentenza ghat-23 t'Ottubru, 2014 u f'dik id-data l-Qorti prolatat is-sentenza appellata. Issa, fir-rikors taghha, l-appellanta tressaq bhala wiehed mill-aggravji, l-argument dwar l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' attakk jew resistenza bi vjolenza kontra persuni inkarigati minn servizz pubbliku. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanta donnu jidher li trid tirtira l-ammissjoni taghha dwar din l-imputazzjoni u fl-istess waqt ma tghid xejn in rigward. Apparti dan, l-appellanta tghid li uhud mir-reati li taghhom instabet hatja "ma jammontawx lanqas mill-istess xhieda tal-prosekuzzjoni li attakkat jew ghamlet resistenza bi

vjolenza jew b'hebb. Aggravju dan li huma nkompatibbli ma' dikjarrazzjoni ta' ammissjoni fil-prim'istanza. Fl-istess waqt il-Qorti ma tistax tqis dan l-aggravju bhala wiehed li bih l-appellanta qed tirtira l-ammissjoni taghha u dan ghaliex jekk inhu hekk allura kien jispetta li tghidu fi kliem car sabiex imbaghad il-Qorti, in linea anke mal-gurisprudenza in rigward, tghaddi sabiex taccerta ruhha li dak li qed titlob l-appellanta huwiex dovut ghall-zball genwin meta ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontriha jew jekk huwiex ripensament dwar l-ammissjoni taghha wara li inghatat il-piena konsegwenza tas-sejbien ta' htija. Il-Qorti gia kellha l-okkazzjoni tezamina dan il-punt fil-kawza Il-Pulizija vs Tamer Mohamed Hussein Rozik deciza fl-4 ta' Frar 2016 izda fil-kaz odjern dan mhux mehtieg ghaliex ghad illi jidher li hemm hjiel ta' ilment f'dan is-sens it-talba taghha hija ghall-konferma tas-sentenza dwar reati li jirrizultaw u bdil kwantu hemm l-assorbiment ta' reati ohra;

L-ewwel aggravju tal-appellanta huwa dwar il-hdax-il imputazzjoni u tinvoka l-principju ta' *ne bis in idem* in rigward. Il-hdax-il imputazzjoni tghid hekk: "*Ikkomettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D datata 25 ta' Awissu, 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tkun mibdula*". L-appellanta ma tghidx meta kienet gia inghatat sentenza ohra fuq l-istess imputazzjoni la fir-rikors taghha u wisq anqas fis-sottomissjonijiet mill-abbli difensur taghha fis-sottomissjonijiet orali. L-appellanta ressqet dan l-argument b'mod mill-aktar legger minghajr ma tindika meta kienet gia inghatat sentenza in rigward u issa bhal donnu tistenna lill-Qorti tfittex hi meta sehh dan, jekk verament sehh. Minkejja dan, u minhabba l-aspett kostituzzjonali tal-prinicpju ta' *ne bis in idem*, l-Qorti fliet l-atti processwali u jirrizulta illi fil-25 ta' Awissu, 2012 l-appellanta kienet misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kienet

ikkundannata ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghall-erba snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Minn dakinhar, u skond il-fedina penali aggornata taghha, l-appellanta kienet misjuba hatja diversi drabi ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Fit-30 ta' April 2015 kienet misjuba hatja *inter alia* tal-istess imputazzjoni mertu tal-gravami in dizamina. Pero' qabel dik l-okkazzjoni l-appellanta qatt ma kienet misjuba hatja tal-istess imputazzjoni in diskussjoni u ghalhekk ma tistax issa tghid li bis-sentenza hawn skrutinata tat-23 t'Ottubru 2014 gia kienet gudikata fuq din l-imputazzjoni. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

L-appellanta tilmenta ukoll illi "*hafna mir-reati huma komprizi w involuti f'xulxin*". Imbaghad fit-talbiet taghha talbet lil din il-Qorti tibdel is-sentenza "*fejn jitqies li hemm l-assorbiment ta' reati ohra, u tibdilha wkoll fejn hemm ripetizzjoni tal-istess fatt dedott aktar minn akkuza wahda*". Ghal darb'ohra l-appellanta ma tghidx fejn kellu jkun hemm l-assorbiment ta' reati u anqas fejn hemm ripetizzjoni taghhom. Minkejja dan, il-Qorti, wara li ezaminat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta hi tal-fehma illi l-hames imputazzjoni biss hija kompriza u involuta fit-tieni wahda u ghalhekk kellu jkun hemm l-assorbiment fil-piena. Issa, ghalhekk l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx dan il-fatt xorta wahda applikat il-provvedimenti tal-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 u ghazlet illi terroga piena komplessiva;

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.